



Statistika ġudizzjarja 2014

L-istituzzjoni taqta' 1685 kawża: żieda fil-produttività ta' 36.9 % f'ħames snin

Il-Qorti tal-Ġustizzja

L-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena 2014 hija, b'mod globali, ikkaratterizzata minn ċifri mingħajr preċedent. Is-sena li għaddiet kienet l-iktar sena produttiva fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet 719-il kawża fl-2014, ċifra li tirrappreżenta żieda meta mqabbla mas-sena preċedenti (701 kawża maqtguha fl-2013), li kienet diġà sena rekord storika fl-eżistenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-2014 tressqu 622 kawża ġodda quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri tnaqqis ta' 11 %. Dan it-tnaqqis relattiv jirrigwarda essenzjalment l-appelli u r-rinviji għal deċiżjoni preliminari. Fl-2014 fil-fatt tressqu 428 rinviju għal deċiżjoni preliminari.


Fir-rigward tat-tul tal-proċeduri, l-istatistika hija wkoll pożittiva ħafna.

Fir-rigward tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari, dan it-tul huwa ta' 15-il xahar, tul rekord. Fil-fatt, matul il-perijodu kollu li fir-rigward tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja għandha statistika affidabbli, it-tul medju għat-trattament ta' kawżi preliminari laħaq l-iktar livell baxx tiegħu fl-2014. It-tnaqqis ikkonstatat meta mqabbel mas-sena 2013 (16.3 xhur) jikkonferma barra minn hekk tendenza netta sa mill-2005.

Fir-rigward tar-rikorsi diretti u tal-appelli, it-tul medju għat-trattament tagħhom kien ta' 20 xahar u ta' 14.5 xhur, rispettivament, tul li huwa iqsar minn dak ikkonstatat fl-2013.

Din l-istatistika hija r-riżultat tal-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja baqgħet kostantement attenta fir-rigward tal-volum tax-xogħol tagħha. It-titjib fl-effikaċja li biha l-Qorti tal-Ġustizzja tittratta l-kawżi huwa dovut kemm għar-riformi fil-metodi tax-xogħol tagħha mnedija f'dawn l-aħħar snin, u kif ukoll għall-użu iktar estiż tad-diversi strumenti proċedurali li hija għandha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tħaffef it-trattament ta' ċerti kawżi (il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, l-għoti ta' deċiżjoni bi prijetà, il-proċedura mħaffa, il-proċedura ssemplifikata u l-possibbiltà li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali).

Il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari ġiet applikata f'4 kawżi u dawn il-kawżi nqatgħu fi żmien medju ta' 2.2 xhur, bħalma kien il-każ fl-2013.



	2010	2011	2012	2013	2014
Kawżi mressqa	631	688	632	699	622
Kawżi maqtugħa	574	638	595	701	719
Kawżi pendenti	799	849	886	884	787

II-Qorti Ġenerali tal-UE

Fuq il-livell tal-istatistika, is-sena 2014 kienet waħda eċċezzjonali għall-Qorti Ġenerali minn kull aspett.

Ċirkustanza rari li ġrat kienet li l-kompożizzjoni tagħha baqgħet perfettament stabbli, liema ċirkustanza ma setgħetx ma jkollhiex impatt fuq ir-riżultati bla preċedent li ġew irreġistrati din is-sena.


Filwaqt li bbenefikat kemm jista' jkun mir-riformi fil-metodi tax-xogħol tagħha u minn tisħiħ moderat tar-riżorsi tagħha, il-qorti rnexxielha taqta' 814-il kawża. Din iċ-ċifra ma hijiex biss rekord iżda hija fuq kollox żieda kunsiderevoli (16 %) meta mqabbla mal-medja tal-aħħar tliet snin, li min-naħa tagħhom kienu l-iktar produttivi fl-istorja tal-qorti. B'mod iktar globali, mill-2008 lil hawn, l-analiżi ta' din il-medja ta' tliet snin turi żidiet fil-produttività ta' iktar minn 50 % (minn 479 fl-2008 għal 735 fl-2014).

Iż-żieda kbira fil-volum ta' attività tal-Qorti Ġenerali hija riflessa wkoll fin-numru ta' kawżi li fihom saru s-sottomissjonijiet orali fl-2014 (li parti kbira minnhom ser jiġu deċiżi fl-2015), li laħaq it-390, jiġifieri żieda ta' iktar minn 40 % meta mqabbel mas-sena 2013.

Il-kawżi ġodda ppreżentati żdiedu b'mod sinjifikattiv ukoll (minħabba, b'mod partikolari, il-gruppi kbar ta' kawżi magħquda fil-qasam tal-għajjuna mill-Istat u tal-miżuri restrittivi), li minħabba f'hekk laħqu numru li qatt ma ntlaħaq qabel (912-il kawża). Għalhekk, minkejja l-prestazzjoni eċċezzjonali, il-Qorti Ġenerali rat in-numru tal-kawżi pendenti (1423 kawża) jżdied bi kważi mitt kawża meta mqabbel mal-2013. Min-naħa l-oħra, il-proporzjon bejn in-numru ta' kawżi pendenti u

n-numru ta' kawżi deċiżi (proporzjon li tikkostitwixxi indizzju tat-tul prospettiv teoretiku tal-proċeduri) hija l-iktar baxxa li ġiet osservata minn kważi għaxar snin ilu lil hawn.

Din it-tendenza pożittiva hija riflessa fit-tul medju tal-proċeduri tal-kawżi deċiżi fl-2014. Dan it-tul naqas bi 3.5 xhur (minn 26.9 xhur fl-2013 għal 23.4 fl-2014), jiġifieri tnaqqis ta' iktar minn 10 %, sabiex intlaḡqu l-valuri osservati għaxar snin ilu.



	2010	2011	2012	2013	2014
Kawżi mressqa	636	722	617	790	912
Kawżi maqtugħa	527	714	688	702	814
Kawżi pendenti	1300	1308	1237	1325	1423


It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

Mill-istatistika ġudizzjarja jirriżulta li n-numru ta' kawżi mressqa (157) jidher li stabbilizza ruħu fid-dawl tal-istatistika għas-sena 2011 (159) u għas-sena 2013 (160). Fl-2012, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kien irreġistra 128 rikors ġdid, iżda illum jista' jingħad li dik is-sena kienet waħda eċċezzjonali.

Min-naħa tiegħu, in-numru ta' kawżi maqtugħa fl-2014 (152) huwa inqas minn dak tas-sena l-oħra (184), li matulha għandu jingħad li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kiseb l-aħjar riżultat f'termini kwantitattivi sa mill-ħolqien tiegħu. Dan it-tnaqqis huwa dovut għat-tmiem tal-mandat ta' żewġ Imħallfin fit-30 ta' Settembru 2014, li fisser li dawn l-Imħallfin iffinalizzaw il-kawżi li setgħu jinqatgħu qabel it-tluq tagħhom mingħajr ma ġew assenjati kawżi ġodda. Madankollu, meta, f'Settembru 2014, deher li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma kienx ser jasal għal qbil unanimu dwar il-ħatriet li kellhom isiru, iż-żewġ Imħallfin ikkonċernati, li allura assumew il-funzjonijiet tagħhom fuq il-bażi tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, reġgħu bdew jeżaminaw kawżi ġodda li, iżda, ma setgħux jinqatgħu qabel tmiem is-sena.

Minkejja dan, min-naħa tiegħu, it-tul medju tal-proċedura naqas minn 14.7 xhur fl-2013 għal 12.7 xhur fl-2014.

Barra minn hekk, 12-il kawża nqatgħu permezz ta' ftehim bonarju, ċifra li tikkompara tajjeb meta mqabbla ma' dik ta' 9 matul is-sena l-oħra u li tirrappreżenta, flimkien mas-sena 2010, l-aħjar riżultat miksub f'dan ir-rigward mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.



	2010	2011	2012	2013	2014
Kawżi mressqa	139	159	178	160	157
Kawżi maqtugħa	129	166	121	184	152
Kawżi pendenti	185	178	235	211	216

¹

¹ Fosthom 99 kawżi sospiżi.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355